# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 8 ta' Ġunju 2021**

## Talba numru 219/2020SFJ

***GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Joseph Muscat kemm bil-polza u kemm bil-liġi, kif ukoll l-istess Joseph Muscat (892849M)***

***vs.***

***Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Mġarr***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu l-atturi esponew u talbu:

"*1. Illi s-soċjetà attriċi kienet ħarġet polza tal-assigurazzjoni tat-tip comprehensive fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ANG218 di proprjetà tal-attur Joseph Muscat, hawn aktar 'l isfel imsejħa 'il-vettura tal-atturi';*

*2. Illi nhar it-23 ta' Ottubru 2018 seħħ inċident fi Triq Dun Ġużepp Micallef, Mġarr, Malta illi bħala konsegwenza tiegħu l-vettura tal-atturi sofriet ħsarat waqt li kienet ipparkeġġjata fl-imsemmija triq u dan meta ċeda u waqa' ċint fuq il-vettura tal-atturi, liema ċint jaqa' taħt ir-responsabilità tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr;*

*3. Illi b'hekk isegwi li l-inċident de quo seħħ unikament bħala riżultat ta' negliġenza, traskuraġni jew imperizja da parti tal-konvenuti;*

4. *Illi għalhekk il-konvenuti għandhom jiġu kkundannati jħallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' elfejn u disgħa u għoxrin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€2,029.40) inkwantu għas-somma ta' ta' ħamsin Ewro (€50) l-excess payment li l-attur Joseph Muscat ħallas in konnessjoni ma' dan il-każ, u inkwantu għas-somma ta' elf u disa' mija u disgħa u sebgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,979.40) rappreżentanti d-danni kollha sofferti bħala riżultat ta' dan l-inċident li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 17 ta' Settembru 2019 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.*"

Ra r-Risposta ppreżentata fit-13 ta' Ottubru 2020 li fiha ġie eċċepit:

"*It-talbiet kif dedotti kontra l-Kunsill intimat għandhom jiġu respinti peress li ċ-ċint inkwistjoni kaġun tal-allegat inċident ma jaqax taħt ir-responsabilità tal-Kunsill Lokali kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi minn issa nġunti in subizzjoni.*"

Ra li kif jidher mill-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2020, il-partijiet qablu li jkun hemm inverżjoni tal-provi fid-dawl tal-eċċezzjoni mressqa mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr (Malta).

Ra d-dokumentazzjoni kollha, sema' id-depożizzjonijiet tax-xhieda, sema' it-trattazzjonijiet fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2021 u ra li l-kawża tħalliet għal sentenza preliminari għat-8 ta' Ġunju 2021.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

**Angele Muscat** ikkonfermat li l-inċident relattiv seħħ fit-23 ta' Ottubru 2018 fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ANG218 u spjegat li kien hemm xi maltemp fil-lejl qabel dik il-ġurnata u ċ-ċint waqa' fuq il-vettura relattiva. Qalet li kienet għamlet ħafna xita u l-ħajt, li kien qiegħed iżomm bil-ħamrija, spiċċa biex waqa' fuq il-vettura. Dan seħħ fi Triq Dun Ġużepp Micallef fl-Imġarr, Malta. Qalet li fil-fatt, kienet l-assigurazzjoni li ċemplitilha u qaltilha tagħmel rapport fl-għassa, liema rapport sar. Mistoqsija kellhiex xi informazzjoni dwar min kien responsabbli għall-ħajt, hija qalet li ma kinitx taf iżda wara li staqsiet 'l hemm u 'l hawn, ġiet infurmata li l-art inkwistjoni kienet tal-Knisja iżda issa kienet taqa' taħt il-gvern. Pero hija ma setgħetx tikkonferma din l-informazzjoni. Qalet iżda li l-ħajt ġie msewwi mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr (Malta).

In kontro-eżami, Muscat qalet li l-ħajt kien tal-ġebla tal-franka u kien jifred it-triq minn biċċa art mitluqa. Hija kkonfermat b'referenza għal *site plan* li l-inċident seħħ fil-parti mmarkata bl-aħmar.

**WPC401 Morgan Cassar Bonaci** esebiet kopja tar-rapport bir-referenza "9T3025/2018" u qalet li l-kwerelanta kienet Angele Muscat li nfurmat lill-għassa li ċ-ċint kien tal-Kunsill Lokali. Qalet li l-għassa ċemplet lill-Kunsill Lokali u kellmet lis-Sindku u nfurmatu bl-akkadut. In kontro-eżami, xehdet li hi la marret fuq il-post u lanqas kienet taf fejn seħħ l-inċident.

**Cyprian Dalli**, segretarju eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Imġarr (Malta), xehed li l-Kunsill kien ġie nfurmat minn ċittadin privat dwar il-ħsara fil-ħajt u mhux mill-Pulizija. Il-ġurnata ta' wara, il-Kunsill kellem lid-Direttorat Ġenerali għax-Xogħlijiet Pubbliċi. Qal li l-ħsara kienet tikkonsisti f'ġebel li kien jifforma parti minn ċint, liema ġebel waqa' u kkawża ħsarat f'żewġ vetturi. Il-Kunsill ried li d-Direttorat isewwi l-ħajt billi dan kien perikoluż kif kien. Billi ma rċevew ebda risposta mid-Direttorat, is-Sindku tah struzzjonijiet biex ikellem lill-Awtorità tal-Artijiet u din l-awtorità nfurmatu li l-post inkwistjoni ma kienx proprjetà tal-gvern ċentrali.

Dalli kompla jixhed f'seduta oħra u qal li l-Kunsill Lokali kien talab lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex jirrikostruwixxi l-ħajt iżda meta ra li d-Dipartiment m'għamel xejn, il-Kunsill qabad u sewwih hu għal

finijiet ta’ sigurtà. Qal ukoll iżda li l-Kunsill baqa’ qatt ma rċieva xi verifika dwar min kien verament responsabbli għall-ħajt inkwistjoni.

**Herman Borg**, *operations manager* fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet, xehed li l-ħajt inkwistjoni ma kien irreġistrat f’isem ħadd u qal ukoll li kieku kien tal-gvern ċentrali kien ikun irreġistrat bħala tali. Ma kienx jaf lil min kien jappartjeni. Qal li seta’ kien proprjetà privata jew anki tal-Knisja.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-Kunsill Lokali konvenut argumenta li ma kienx responsabbli għall-ħajt jew ċint inkwistjoni u li dan ma kienx jaqa’ taħt ir-responsabilità tiegħu.

Il-provi prodotti huma inkonklussivi. La hemm prova li l-Kunsill Lokali huwa responsabbli u lanqas hemm prova li l-Kunsill Lokali mhuwiex responsabbli. L-unika ħaġa ċerta hija li ebda xhud ma kien jaf min hu responsabbli għaċ-ċint relattiv.

Fir-rigward tal-*e-mails*, l-unika ħaġa li ħarġet ċara kienet li dawk kollha li wieġbu l-*e-mails* ta’ Cyprian Dalli qalu li l-ħajt jew ċint relattiv ma kienx proprjetà tal-gvern ċentrali. Fi kwalunkwe każ, assolutament mhux magħruf kif dawk il-persuni waslu għal dik il-konklużjoni. Min-naħa tagħhom, l-atturi ma pprovdew ebda spjegazzjoni għaliex għażlu li jiftħu l-kawża kontra l-Kunsill Lokali u mhux kontra xi persuna naturali jew ġuridika oħra.

Jidher li hawn japplika l-prinċipju *actore non probante reus absolvitur*, spjegat fis-sentenza tal-Prim’ Awla fl-ismijiet ***<u>Raymond Cauchi noe vs. Michael Angelo Fenech</u>*** (deċiża fil-15 ta’ Diċembru 2015), liema sentenza kkwotat siltiet minn aktar każistika. Jingħad li saħansitra anki f’każijiet fejn iż-żewġ kontendenti jipproponu teżijiet plawsibbli, jew almenu li t-tnejn huma possibbli, jekk min jallega ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-kontroparti m’għandhiex tbati hi għal tali nuqqas.

It-Tribunal hawn jgħid li huwa ‘l barra mill-mansjoni tiegħu li jagħmilha ta’ investigatur u jipprova jiskopri hu min huwa verament responsabbli għaċ-ċint relattiv.

*Si tratta* ta’ *culpa aquiliana*, it-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Prim’ Awla fl-ismijiet ***<u>David Brincat et vs. Francis Sammut et</u>***, deċiża fit-28 ta’ Ġunju 2016, fejn jingħad:

> “*Ghas-success ta' azzjoni bhal dik de quo, hemm il-htiega li l-atturi konkretament jistabblixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:*
>
> *i.* *fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-konvenuti li tirradika l-htija ai termini tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili;*
>
> *ii.* *fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u*
>
> *iii.* *fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed tramite ness ezjologiku ta' kawzalita, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-konvenuti li direttament kkagunat is-sinistru (hsarat lamentati).*
>
> *Illi huwa pacifikament assodat illi biex Qorti ssib htija u responsabbilita fil-kondotta ta'ndividwu, u sussegwentement dan jigi kkundannat jindennizza lid-danneggjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kwazi-delitti fejn hemm mankanti d-dolo), dak l-aspett li ghandu jigi ezaminat huwa l-kondotta materjali li l-allegat danneggjant assuma. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva u kemm ommissiva. Hu dan il-komportament li ghandu jigi dettaljatament valutat, sabiex fih jigu ritraccjati, inter alia, jekk kienx hemm xi mankanzi fid-dover ta' hsieb,*

> *prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias, jew ezistenza ta' negligenza fid-doveri imposti mill-ligi, jew ta' traskuragni, sfrontatezza jew imprudenza li tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarcibbli.*
>
> *Illi hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili li f'materja ta' danni akwiljani "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" (artikolu 1031). L-istess Kodici jissokta jippreciza illi l-htija tissussisti f'min "ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (artikolu 1032(1)). Addizzjonalment hu maghruf, sija fid-duttrina u sija fil-gurisprudenza patria, li biex ikun hemm lok ghad-danni hu mprexxindibilment mehtieg li, apparti l-prova tad-dannu arrekat, fl-ewwel lok jkun hemm htija u li d-dannu u l-htija jkunu interkonessi intimament b'ness kawzattiv. Issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Charles Gauci et vs. Maria Borg Mizzi et noe*** *(PA 25/11/2004) fejn nsibu li, "Fil-kaz fejn persuna tallega li tkun garrbet hsara minhabba l-ghemil jew l-omissjoni tal-parti l-ohra, jehtieg li min jallega li garrab dannu jehtieg jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mgarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni".*"

It-Tribunal jirreferi għax-xhieda a fol. 12 u 22 *et seq.* tal-proċess u josserva li l-fatt li Kunsill Lokali sewwa l-ħajt ma jfissirx li kien tiegħu jew li assuma responsabilità għalih. Anzi, huwa għamel it-tiswijiet għax fl-istat li kien, kien ta' periklu għal ħaddieħor.  Fil-fatt, Cyprian Dalli xehed (fol. 54) li wara li waqa' il-ħajt, il-Kunsill talab lid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex isewwih u kien biss meta x-xogħol ma sarx li l-Kunsill sewwih hu, u dan biex ma jħallix ġebel fin-nofs għal raġunijiet ta' sigurezza.

Meħud qies ta' dan kollu, it-Tribunal ma jarax li hemm lok għall-akkoljiment tat-talbiet tal-atturi.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' x-xhieda u qara d-dokumentazzjoni relattiva, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet kollha tal-atturi kif dedotti fl-Avviż tat-Talba u jordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-atturi solidalment bejniethom.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**